

31979R1963

L 227/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.9.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1963/79**tas-6 ta' Settembru 1979****li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rifużjoni ta' produzzjoni dwar iż-żejt taż-żebuga fil-manifattura ta' ċertu ikel ippriservat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment t'organizzazzjoni komuni dwar is-suq fiż-żjut u xaħmijiet ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 590/79 ⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2749/78 tat-23 ta' Novembru 1978 dwar negozju fiż-żjut u xaħmijiet bejn il-Komunità u l-Greċja ⁽³⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 591/79 tas-26 ta' Marzu 1979 li jstabilixxi regoli ġenerali li jikkonċernaw ir-rifużjoni ta' produzzjoni għaż-żjut taż-żebuga użati fil-manifattura ta' ċertu ikel ippriservati ⁽⁴⁾, u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi l-arranġamenti tal-kontroll ipprovduti għalihom fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KEE) Nru 591/79 jridu jassiguraw li r-rifużjoni ta' produzzjoni tingħata biss rigward żejt taż-żebuga li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament preżenti u fir-Regolament (KEE) Nru 591/79; billi, bi prinċipju, ir-rifużjoni għandha tingħata biss wara li jkun sar il-kontroll;

Billi, jekk il-kontroll irid isir effettwat sewwa, l-applikazzjoni biex dan isir għandha tkun sottomessa fi żmien tajjeb u għandu jkun fiha ċerta nformazzjoni bażika; billi, għall-istess skop, il-manifatturi tal-priservi tal-ħut u l-ħxejjex għandhom ikunu mitluba jżommu kont ta' ħażna li jindikaw il-kwantita u l-oriġini taż-żejt taż-żebuga użat;

Billi il-kontroll għandu jestendi fuq perjodu li jippermetti lill-proċessuri biex jipplanaw il-produzzjoni tagħhom fid-dawl tal-prezzijiet ta' l-ispejjeż u biex jiksibu provisti ta' żejt taż-żebuga; billi għall-istess raġunijiet, ir-rifużjoni li għandha tingħata għandha tkun dik valida fil-jum li fih l-applikazzjoni biex isir il-kontroll tkun sottomessa;

Billi, biex jippermettu lill-partijiet konċernati jixtru ż-żejt taż-żebuga li jinħtieġu, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jħallsu l-ammont tar-rifużjoni bil-quddiem, bla ħsara għad-disposizzjoni ta' skrutinju;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 615/71 ⁽⁵⁾ għandu jkun imħassar;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-żjut u Xaħmijiet,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet tar-rifużjoni tal-produzzjoni, manifatturi ta' l-ikel ippriservat tal-ħut u l-ħxejjex msemija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 591/79 għandhom iżommu ta' kuljum, rigward l-imsemmi ikel ippriservat, kontijiet tal-ħażna li jagħtu ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-kwantità ta' żejt taż-żebuga, ikklassifikata bl-oriġini u d-data tad-dħul fil-fabbrika;
- (b) il-kwantità ta' żejt taż-żebuga, ikklassifikata bl-oriġini, użata fil-manifattura ta' l-ikel ippriservat;
- (c) rigward kull grupp ta' żejt taż-żebuga li jidħol, in-numru tal-fattura, irċevuta jew kwalunkwe dokument ieħor ekwivalenti;
- (d) il-piż nett ta' ikel ippriservat prodott, b'indikazzjoni tal-piż medju taż-żejt taż-żebuga impjegat għal kull tip ta' manifattura.

Artikolu 2

1. Sabiex jikkwalifika għal rifużjoni ta' produzzjoni, il-manifattur irid jissottometti talba għall-verifika lill-awtorità kompetenti mhux iktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol qabel id-data intenzjonata għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-manifattura. Tali applikazzjoni tista' ma tkunx sottomessa lill-awtorità kompetenti sakemm iż-żejt jinsab fil-bini tal-manifattura.

2. L-applikazzjoni trid ta' l-inqas ikun fiha l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur;
- (b) id-dati li fihom se tibda u se tintemm il-manifattura;
- (c) il-kwantità u t-tip t'ikel ippriservat li se jkun immanifatturat;
- (d) il-kwantità ta' żejt taż-żebuga li mistennija tkun użata fil-manifattura, u l-oriġini taż-żejt.

⁽¹⁾ ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.

⁽²⁾ ĠU L 78, tat-30.3.1979, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 331, tat-28.11.1978, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 78, tat-30.3.1979, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 71, tal-25.3.1971, p. 12.

3. It-talba għall-verifika għandha tkun valida biss għall-proċess ta' manifattura li se jitwettag f'perjodu li jispiċċa mhux iktar tard minn l-aħħar jum tat-tielet xahar wara dak li fih kienet sottomessa l-applikazzjoni.

Jekk permezz ta' *force majeure* l-manifattura ma tkunx tista' titwettag tul dak il-perjodu l-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandha, fuq talba tal-manifattur, testendi il-perjodu għal tul ta' żmien ikkunsidrat meħtieġ waqt li tagħti każ taċ-ċirkustanzi mitluba.

Artikolu 3

l-Istati Membri għandhom jispezzjonaw:

- (a) li r-rekord tal-ħażna tal-manifattur huwa miżmum skond l-Artikolu 1;
- (b) li ż-żejt indikat fit-talba għall-verifika kien fil-bini fiż-żmien li fih kienet sottomessa l-applikazzjoni.

Artikolu 4

1. Ir-rifużjoni tal-produzzjoni tingħata fuq applikazzjoni mill-manifattur fl-Istat Membru fejn l-ikel ippriservat kien manifatturat.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 trid tinkludi dettalji tal-kwantità ta' żejt imħaddma fil-manifattura ta' l-ikel ippriservat u l-orijini tagħha. L-applikazzjoni trid tkun sottomessa mill-parti kkonċernata fi żmien sitt xhur mid-data li fiha kien użat iż-żejt.

Artikolu 5

Ir-rifużjoni għandha titħallas meta l-Istat Membru kkonċernat ikun ivverifika li l-kwantità ta' żejt murija fuq l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 u l-kwantità u l-orijini ta' żejt imħaddma fil-manifattura ta' l-ikel ippriservat jikkorrispondu.

Madankollu, fuq talba tal-parti kkonċernata, ir-rifużjoni tista' titħallas bil-quddiem hekk kif l-ispezzjonar msemmi fl-Artikolu 3 jitwettag, bil-kundizzjoni li tkun ipprovduta assigurazzjoni li tiggarantixxi li ż-żejt jintuża għall-iskopijiet speċifikati.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 1979.

Artikolu 6

Għall-iskopijiet tal-verifika msemmija fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jispezzjonaw *inter alia* l-kontijiet tal-ħażna li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1.

Artikolu 7

Jekk il-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa msemmija fl-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 u l-kwantità ta' żejt użata kif muri mill-verifika li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 5 ma jikkorrispondux, l-Istat Membru kkonċernat għandu jistima l-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa li għaliha ir-rifużjoni hija pagabli.

Artikolu 8

Ir-rifużjoni mogħtija għandha tkundik valida fil-jum li fih it-talba għall-verifika msemmija fl-Artikolu 2 kienet sottomessa.

Artikolu 9

L-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 591/79 għandu jkun 0 750 ECU. Madankollu, fejn il-medja aritmetika msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament fuq imsemmi huwa żero, ir-rifużjoni tkun iffissata f'żero.

Artikolu 10

Regolament (KEE) Nru 615/71 huwa għalhekk imħassar.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-10 ta' Settembru 1979.

Dan għandu japplika għal żejt taż-żebbuġa li t-talbiet għalih semmija fl-Artikolu 2 jkunu sottomessi fi jew wara dik id-data. Inkwantu għaż-żejt li t-talbiet għalih msemmija fl-Artikolu 2 huma sottomessi qabel dik id-data, ir-Regolament (KEE) Nru 615/71 jkompli japplika.

Għall-Kummissjoni

Finn GUNDELACH

Vċi-President